MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 263/2008

**Sebastiana Spiteri ID : 647747M**

**Vs**

**Anthony Paul Spiteri ID : 1067747M**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' April 2008 li permezz tieghu l-attrici qed titlob lit-Tribunal jikundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ta' tlett elef mitejn u erbatax-il Euro u erbgha u hamsin centezmu (€3,214.54) – gja Lm1,380 - jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal rapprezentanti arretrati ta' manteniment dovuti mill-konvenut lill-attrici ai termini ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru ta' referenza u li ghaddiet in gudikat fis-26 ta' Ottubru 2006 bin-numru ta' referenza 996/02NC, u dan bir-rata ta' €267.88/LM115 fix-xahar, u

dan ghall-perjodu bejn it-2 ta’ April 2007 sat-2 ta’ April 2008.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficcjali datata 13 ta’ Frar 2008, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r**-Risposta** tal-21 ta’ April 2008 fejn gie eccepit illi t-talba qed tigi kkontesta dan peress li infethu proceduri ta’ medjazzjoni quddiem il-Qorti tal-Familja segwentament ghal talba sabiex l-istess Qorti tirrevedi l-ammont dovut bhala manteniment mensili lill-attrici b’effett retroattiv.

Il-konvenut ilu bla xoghol ghal diversi snin u m’huwiex f’posizzjoni li jhallas l-ammont dovut, ghalkemm diga hallas xi arrettrati minnhom. Din il-materja ghandha tigi deciza mill-Qorti.

Sema’ x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza ghall-hlas ta’ manteniment dovut lill-attrici wara sentenza tal-Qorti tal-Familja li stabbiliet l-manteniment dovut lilha, u wara li l-konvenut allegatament ma hallasx.

Illi minn natura stess tar-risposta, jidher car illi bhala fatt donnu ammess illi l-konvenut ma hallasx manteniment ghall-perjodu msemmi fl-Avviz – izda jittanta jiggustifika dan billi ighid illi hemm proceduri pendenti ghall-varjazzjoni tal-manteniment.

Illi l-attrici Sebastiana Spiteri ikkonfermat l-ammont li qed titlob ghall-manteniment a bazi ta’ sentenza tal-Qorti tal-Familja (Dok SS1). Tghid illi sad-data tal-kuntratt (Dok SS2) hi kienet qed tithallas il-manteniment b’mod regolari. Tghid illi minn April 2007 il-quddiem, il-konvenut ma baqax itiha flus u ghalhekk ghamlet il-proceduri odjerni. Izzid illi in segwitu tal-proceduri, hi thallset ta’ xahrejn, li jkopru Lulju u Settembru 2007 – u di fatti fir-risposta

tieghu, l-konvenut jaccenna ghal dan. L-attrici tghid illi minn dak inhar ma thallset ebda manteniment ulterjuri. Fl-ahharnett tghid illi allura l-ammont li qed jigi riklamat irid jonqos bl-ammont taz-zewg pagamenti li rceviet.

Ra n-nota ta' riduzzjoni ppresentata mill-attrici fil-25 ta' Gunju 2008, sabiex hija rriduciet it-talba attrici ghal elfejn sitt mija u tmienja u sebghin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€2678.78) – gja Lm1150.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-attrici ghalqet il-provi kollha taghhha f'seduta wahda (25 ta' Gunju 2008) u l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-konvenut ghat-23 ta' Settembru 2008 u fiha l-konvenut ma ressaq ebda provi, anzi la deher hu u lanqas r-rappresentant legali tieghu.

Illiin vista tan-natura tal-kaz u in vista ukoll tal-fatt illi l-kawza kienet thalliet ghall-provi kollha tal-konvenut ghas-seduta tat-23 ta' Settembru 2008, f'liema seduta l-konvenut ma deherx, wisq anqas ressaq il-provi tieghu, d-difensur ta' l-attrici giustament talbet illi l-kawza tithalla ghall-llum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-provi attrici b'ebda mod ma jidhru li huma kontradetti, anzi kif intqal qabel minn natura stess tar-risposta, jidher car illi fis-sustanza hemm qbil fuq il-fatti elenkati mill-attrici.

Illi t-talba attrici giet anke ridotta, u dan in linea anke ma' dak mistqarr mill-konvenut fir-risposta tieghu illi huwa hallas xi arrettrati minnhom.

Illi sakemm ma jkunx hemm digriet jew decizjoni tal-Qorti apposita illi tbiddel jew tvarja il-manteniment deciz bil-kawza, s-sentenza ta' liema giet esebita, allura r-rata ta' manteniment ghandha tibqa` dik li hi u zgur illi dan it-Tribunal ma jista` qatt jattribwixxi lilu nniffsu il-gurisdizzjoni illi jvarja jew ibiddel il-kwantum ta' manteniment dovut in

segwitu ghal separazzjoni personali bejn zewg mizzewwgin.

Illi ghalhekk it-talba attrici ser tigi milqugha kif ridotta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li ha konjizzjoni tax-xhieda prodotti u tad-dokumenti kollha esebiti, jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’  elfejn, sitt mija u tmienja u sebghin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€2678.78) – gja Lm1150, ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut u bl-imghax legali kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------